**MALTA**

**Fit-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 6/11VG**

**Martin Spiteri f'ismu proprju u bhala direttur tas-socjetà Car Clinic VRT Station**

**Vs**

**Transport Malta già Awtorità dwar it-Transport**

**Illum 5 ta' Dicembru 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn Martin Spiteri f'ismu proprio u f'isem is-socjetà Car Clinic VRT Station fl-1 ta' Frar 2011 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jirrevoka d-decizjoni ta' Transport Malta fil-konfront tieghu komunikata lilu permezz ta' ittra datata 3 ta' Jannar 2011, in forza ta' liema gie assoggettat ghat-tnaqqis ta' sebghin (70) punti ta' penalità u ghall-hlas ta' multa amministrattiva ammontanti ghal seba' mija u sebghin Euro (€770) in kwantu nstab in vjolazzjoni tar-Regolament 21 u tal-partita 7 u 22 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, bl-ispejjez kontra l-imsemmija Awtorità;

Ra d-decizjoni ta' Transport Malta fil-konfront tar-Rikorrnent, komunikata lilu b'ittra datata 3 ta' Jannar 2011 a fol. 4 tal-process;

Ra r-Risposta ta' Transport Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tar-Rikorrent pro et noe u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li: (i) in linea preliminari l-appell sar *fuori termine* billi skond Parti VI, Regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, persuna li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' l-Awtorità ghandha dritt tappella minnha quddiem it-Tribunal fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mill-avviz tad-decizjoni; (ii) id-decizjoni appellata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata; (iii) l-Avviz Legali 90 ta' l-2010 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 huma ligijiet tassattivi fis-sens li una volta li persuna tikser il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' operatur, l-Awtorità ghandha idejha marbutin bil-

Ligi peress illi l-Ligi timponi fuqha li tali persuna ghandha tinghata punti ta' penalità u thallas il-multa amministrattiva korrispondenti; (iv) malli l-Awtorità intimata giet a konoxxenza tal-fatti migjuba quddiemha, u dan wara li kienet saret spezzjoni fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LCN-581, hija qdiet l-obbligi u d-doveri mistennija minnha skond il-Ligi relattiva;

Ra d-decizjoni in parte moghtija fit-13 ta' Mejju 2011[1] in forza ta' liema giet milqugha l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorità intimata u l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità komunikata lilu b'ittra datata 3 ta' Jannar 2011 gie dikjarat irritu u null u bla ebda effett fil-Ligi in kwantu intavolat *fuori termine*;

Ra d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) moghtija fit-30 ta' Settembru 2015 in forza ta' liema s-sentenza in parte moghtija mit-Tribunal fit-13 ta' Mejju 2011 giet imhassra in kwantu gie dikjarat li ma rrizultax li l-appell tar-Rikorrent mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata komunikata lilu b'ittra datata 3 ta' Jannar 2011 gie intavolat *fuori termine,* u l-atti gew rimessi lit-Tribunal sabiex il-kaz jkompli jigi trattat u deciz fid-dawl tar-rimanenti eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorità intimata;

Ra li l-proceduri in ezami gew mill-gdid appuntati ghas-smigh quddiem it-Tribunal;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2016[2], ra l-affidavits ta' Matthew Gauci, tar-Rikorrent u ta' Jonathan Spiteri markati Dok. "A" sa' Dok. "C" esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota pprezentata fis-6 ta' Mejju 2016 a fol. 13 sa' 18 tal-process, sema' x-xhieda ta' Lino Abela in rapprezentanza ta' l-Awtorità intimata moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2016[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" sa' Dok. "H" a fol. 18 sa' 26 tal-process, sema' x-xhieda ta' Joseph Mifsud in rapprezentanza ta' l-Awtorità intimata moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2016[4], sema' x-xhieda ta' George Farrugia in rapprezentanza ta' l-Awtorità intimata moghtija waqt is-seduti tat-13 ta' Gunju 2016[5] u tad-19 ta' Lulju 2016[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GF" a fol. 37 sa' 45 tal-process u Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 51 sa' 53 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent f'ismu proprio u bhala Direttur tas-socjetà Car Clinic VRT Station jikkontesta decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu, komunikata lilu b'ittra datata 3 ta' Jannar 2011[7], fir-rigward ta' VRT test fuq il-

[1] Fol. 20 sa' 24 tal-process.
[2] Fol. 8 sa' 11 tal-process.
[3] Fol. 27 sa' 31 tal-process.
[4] Fol. 32 u 33 tal-process.
[5] Fol. 46 sa' 49 tal-process.
[6] Fol. 54 sa' 57 tal-process.
[7] Annessa mar-Rikors promotur.

vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LCN-851 esegwit fis-17 ta' Dicembru 2010, in forza ta' liema instab in vjolazzjoni ta' l-Avviz Legali 90 ta' l-2010 u tar-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, senjatament tal-partiti 7 u 22 tat-Tnax-il Skeda tar-Regolamenti kif applikabbli dak iz-zmien, peress illi fil-post VRT inspection esegwit mill-Awtorità fl-24 ta' Dicembru 2010 gew riskontrati s-segwenti nuqqasijiet: (a) *excessive exhaust emission*; u (b) *two fins blades like, fitted on each side of the front bumper projecting outward that are potential danger to pedestrians,* u konsegwentement gie assoggettat ghat-tnaqqis ta' 70 punti ta' penalità u ghall-hlas ta' multa amministrattiva ammontanti ghal €770.

Ir-Rikorrent jitlob li l-imsemmija decizjoni tigi imhassra u revokata a bazi tas-segwenti aggravji: (i) l-Awtorità intimata ma taghtux smigh xieraq u d-decizjoni taghha fil-konfront tieghu hija intempestiva peress illi wara r-riskontri li ghamlet ma talbet l-ebda forma ta' kjarifika; (ii) in kwantu rigwarda l-allegat *excessive exhaust emission* jirrizulta li t-test esegwit mill-Awtorità intimata ma sarx konformi mal-prassi in kwantu l-vettura ma gietx *purged* qabel ma gie esegwit it-test ghall-emissjonijiet, tant illi test iehor li gie effettwat wara l-post VRT inspection ta' l-Awtorità intimata kkonferma li ma kienx hemm *excessive exhaust emission*; u (iii) in kwantu rigwarda *two fin blades like, fitted to each side of the front bumper projecting outward that are potential danger to pedestrians*, jirrizulta li dawn gew imnehhija minn fuq il-vettura qabel il-VRT test u regghu gew imwahhla mis-sid immedjatament wara t-test, fatt dan li kien jirrizulta lill-Awtorità intimata li kieku staqsiet lil sid il-vettura dwarhom. Ir-Rikorrent jikkontendi li *dawn huma nuqqasijiet amministrattivi serjissimi billi l-Awtorità appellata fuq premessi indikattivi biss, imponiet multa amministrattiva sostanzjali, kif ukoll imponiet tnaqqis ta' punti ta' penalità li jistghu jwasslu ghat-telfien tal-licenzja ta' operatur ta' sistema tal-VRT. Dan in-nuqqas ta' investigazzjoni u verifika li ghandhom dejjem isiru f'kull process aggudikattiv, wassal lill-istess appellata awtorità tikser id-drittijiet ta' l-appellant ghal process ekwu u gust*[8].

L-Awtorità intimata topponi ghall-appell tar-Rikorrent pro et noe mid-decizjoni taghha fil-konfront tieghu u titlob li l-istess appell jigi michud stante li: (i) id-decizjoni appellata hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata; (ii) l-Avviz Legali 90 ta' l-2010 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 huma ligijiet tassattivi fis-sens li una volta li persuna tikser il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' operatur, l-Awtorità ghandha idejha  marbuting bil-Ligi peress illi l-Ligi timponi fuqha li tali persuna ghandha tinghata punti ta' penalità u thallas il-multa amministrattiva korrispondenti; u (iii) malli l-Awtorità intimata giet a konoxxenza tal-fatti migjuba quddiemha, u dan wara li kienet saret spezzjoni fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LCN-581, hija qdiet l-obbligi u d-doveri mistennija minnha skond il-Ligi relattiva.

L-Awtorità intimata kienet issollevat ukoll in-nullità w irritwalità ta' l-appell in kwantu pprezentat *fuori termine* izda din l-eccezzjoni giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronuncjata fit-30 ta' Settembru 2015. Di fatti s-

[8] Rikors promotur.

sentenza odjerna tittratta dwar l-appell tar-Rikorrent pro et noe fil-meritu fid-dawl tar-rimanenti eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorità intimata.

Ir-Rikorrent pro et noe jikkontendi li d-decizjoni appellata hija intempestiva u li l-Awtorità intimata ma taghtux dritt ghal smigh xieraq u dan kollu in kwantu hekk kif l-ufficjali ta' l-Awtrorità rravvizaw in-nuqqasijiet minnhom riskontrati, ma sarux verifiki fir-rigward ta' l-istess la mieghu u lanqas ma' sid il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LCN-851 qabel ma harget id-decizjoni in kwistjoni. Fil-fehma tat-Tribunal dak li jrid jigi kkunsidarat fir-rigward ta' tali aggravju huwa jekk l-Awtorità intimata, fil-procedura minnha adottata vis-à-vis ir-Rikorrent u l-hrug tad-decizjoni fil-konfront tieghu, imxietx ai termini tal-Ligi o meno.

Ai termini tar-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-procduri, ossia l-2010, *meta operatur jonqos milli jhares il-kundizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li jkollha licenza biex tittestja tonqos milli thares il-kundizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jkollhom licenza biex jittestjaw, l-ufficjal awtorizzat ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, skond ma jkun il-kaz, avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalità li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li jkollha licenza biex tittestja, u l-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur*. Ai termini tar-Regolament 22(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghal dawn il-proceduri, *persuna li thoss ruhha aggravata minn decizjoni ta' l-Awtorità li ma taghtix jew ma ggeddidx jew li tissospendi jew tirrevoka awtorizzazzjoni, jew li timponi kundizzjonijiet, limitazzjonijiet jew eskluzjonijiet fiha jew dwarha, li thassar dik il-persuna mir-registru ta' persuni li jittestjaw, ikollha d-dritt li, fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mill-avviz tad-decizjoni, tappella quddiem it-Tribunal.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi huwa evidenti li kull persuna milquta b'decizjoni ta' l-Awtorità intimata ghandha dritt tikkontesta dik id-decizjoni izda, dan mhux quddiem l-Awtorità stess kif donnu jippretendi r-Rikorrent imma direttament lil dan it-Tribunal li a sua volta huwa marbut bil-principji ta' imgieba amministrattiva tajba, fosthom il-principju ta' *audi et alteram partem*[9]. Proprio fid-dawl ta' tali dritt ta' appell, l-esekuzzjoni tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata, partikolarment in kwantu rigwarda l-hlas tal-multa amminsitrattiva imposta minhabba l-vjolazzjonijiet riskontrati fl-operat ta' dik il-persuna, in-nuqqas ta' hlas ta' liema eventwalment iwassal ghas-sospensjoni tal-licenza lamentat mir-Rikorrent, hija sospiza sa' zmien *disghin gurnata wara li jghaddu l-wiehed u ghoxrin gurnata min-notifika tal-vjolazzjoni fejn ma jkunx sar appell mill-operatur jew fi zmien disghin gurnata mid-data tad-decizjoni finali moghtija mit-Tribunal fejn ikun sar appell mill-operatur*[10].

---

[9] Artikolu 3 u Artikolu 6 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta.
[10] Regolament 21(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15.

Fid-dawl ta' tali provvedimenti tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ghalhekk, ma huwiex korrett ir-Rikorrent pro et noe f'li jikkontendi li l-Awtorità intimata ma taghtux smigh xieraq u li per konsegwenza d-decizjoni appellata hija intempestiva. Huwa evidenti li l-Awtorità intimata agixxiet entro t-termini prefissi w imposti fuqha mill-Ligi u ghalhekk mill-aspett procedurali ma hemm l-ebda nuqqas jew anomalija li ghandhom iwasslu ghar-revoka u thassir ta' l-istess decizjoni.

In kwantu rigwarda l-meritu tad-decizjoni appellata, ossia tan-nuqqasijiet u konsegwenti vjolazzjonijiet riskontrati fl-operat tar-Rikorrent waqt il-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LCN-851 esegwit fis-17 ta' Dicembru 2010, u b'mod partikolari n-nuqqas u konsegwenti vjolazzjoni rigwardanti *two fins blades like, fitted on each side of the front bumper projecting outward that are potential danger to pedestrians,* it-Tribunal hu tal-fehma li r-Rikorrent irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li d-decizjoni appellata f'tali rigward ma hijiex gusta.

Filwaqt li ma hemmx dubju li dakinhar tal-post VRT inspection esegwit fl-24 ta' Dicembru 2010 il-vettura in kwistjoni kellha dawn iz-zewg blades fuq quddiem u lanqas hemm dubju li meta l-vettura giet ipprezentata biex isirlha VRT test fil-VRT station tar-Rikorrent ukoll kellha dawn iz-zewg blades fuq quddiem[11], mill-provi prodotti mir-Rikorrent jirrizulta b'mod car li waqt l-esekuzzjoni tal-VRT test il-persuna li kellha pussess tal-vettura dak il-hin giet infurmata li dawk il-blades ma kienux permissibbli ghaliex perikoluzi u li ghalhekk waqt il-VRT test l-istess blades gew zmuntati qabel ma tkompla l-istess test[12]. Jirrizulta b'mod car ukoll li kien sid il-vettura stess, ossia Matthew Gauci, li hekk kif il-vettura giet ritornata lilu wara l-VRT test b'dawn il-blades zmuntati, immedjatament rega' wahhal l-istess. Dana jiddikjarah l-istess Matthew Gauci fl-affidavit tieghu, affidavit li ma gie bl-ebda mod kontestat jew kontradett mill-Awtorità intimata: *jiena kont sid il-vettura LCN 851 li hija dik tal-marka Hyundai, mudel Accent kulur iswed. Gheluq is-sena 2010 din il-karozza waslet ghal VRT. Jiena inkarigajt lil Silvio Templeman biex jehodha ghand il-post maghruf bhala Car Clinic VRT Station, Gzira Road, Gzira sabiex isir dan il-VRT. Naf li Silvio mar bil-karozza, qalli li ghaddiet u meta gabha lura indunajt li din kellha zewg spoilers zghar fuq kull naha fuq il-bumper ta' quddiem li kienu inqalghu. Peress li ghaddiet, fhimt li kollox sew u ergajt wahhalthom[13].*

Fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni u fid-dawl tal-fatt li l-post VRT inspection inzammet diversi granet wara l-VRT test esegwit fil-VRT station tar-Rikorrent, it-Tribunal huwa konvint li huwa plawsibbli u effettivament probabbli li l-blades in kwistjoni inqalghu meta kien qed isir il-VRT test in kwantu mhux permessi ai termini tal-Ligi izda imbaghad u ciò nonostante regghu twahhlu minn sid il-vettura wara t-test. Din kjarament hija cirkostanza li ma ghandhiex tippenalizza lir-Rikorrent partikolarment fin-nuqqas ta' kontestazzjoni jew kontradizzjoni adegwata ta' dak affermat minn Matthew Gauci u xhieda ohra prodotti mir-Rikorrent fir-rigward.

[11] Vide xhieda ta' Lino Abela in rapprezentanza ta' l-Awtorità intimata moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2016, fol. 27 sa' 31 tal-process u r-ritratti esebiti minnu a fol. 20 u 22 tal-process.
[12] Vide xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2016, fol. 8 sa' 11 tal-process u affidavit ta' Jonathan Spiteri a fol. 16 tal-process.
[13] Fol. 14 tal-process.

Ghaldaqstant, mill-gdid jinghad li in kwantu rigwarda dan in-nuqqas partikolari u konsegwenti vjolazzjoni tar-Regolamenti addebitata lir-Rikorrent, ma hijiex gusta.

L-istess però ma jistax jinghad in kwantu rigwarda dik il-parti tad-decizjoni appellata li tittratta dwar in-nuqqas u konsegwenti vjolazzjoni addebitata lir-Rikorrent rogwardanti l-emissions minn din il-vettura.

L-Awtorità intimata osservat illi waqt il-post VRT inspection li nzammet fl-24 ta' Dicembru 2010 din il-vettura kellha *excessive exhaust emission* kif jirrizulta wkoll mir-rizultat ta' dan it-test partikolari esebit a fol. 26 tal-process. Ir-Rikorrent jipprova jattakka dan ir-rizultat u l-konsegwenti osservazzjoni ta' l-Awtorità intimata billi fir-Rikors promotur jikkontendi li *jirrizulta ben car li t-test kif sar ma hux konformi mal-prassi billi l-vettura qabel ma tigi ezaminata trid tigi 'purged'. Dan il-purging irid isir sabiex jigi stabilit kemm effettivament il-magna qieghda <u>tikkaguna</u> emissjonijiet mhux kemm ghandha <u>akkumulazzjoni</u> ta' emissjonijiet fit-tubu ta' l-ispurgar. Illi test li sar insegwitu ta' l-ispezzjoni mill-awtorità ikkonferma li ma hemmx 'excessive exhaust emission',* izda imbaghad waqt is-smigh tal-proceduri beda jallegga li l-apparat utilizzat mill-Awtorità intimata biex jitkejjlu l-emissjonijiet ma kienx qed jahdem sew u ma kienx ikkalibrat kif suppost, biex imbaghad waqt it-trattazzjoni orali r-Rikorrent mill-gdid irriverta ghall-posizzjoni originali tieghu li t-test ma sarx kif suppost ghaliex il-vettura ma gietx *purged*.

Fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent abbanduna l-linja minnu adottata waqt is-smigh tal-proceduri fis-sens li l-apparat utilizzat mill-Awtorità intimata biex jitkejjlu l-emissjonijiet ma kienx qed jahdem sew u ma kienx ikkalibrat kif suppost, ghar-raguni li dak minnu allegat u konsegwentement pretiz gie ghal kollox imxejjen mill-Awtorità intimata tramite x-xhieda ta' George Farrugia[14] u l-esebizzjoni tal-Certificate of Calibration[15] relattiv ghall-apparat utilizzat ghall-verifika ta' emissjonijiet fuq il-vettura in kwistjoni. Minn tali xhieda u dokumentazzjoni ampjament jirrizulta li l-apparat la kien bil-hsara u wisq inqas ma kienx ikkalibrat kif suppost. In kwantu rigwarda l-allegazzjoni u konsegwenti pretensjoni inizjali tar-Rikorrent, ossia li t-test ma sarx sew ghaliex il-vettura ma gietx *purged*, it-Tribunal hu tal-fehma li tali allegazzjoni u konsegwenti pretensjoni wkoll jirrizultaw ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Fl-ewwel lok, ir-Rikorrent ma ressaq l-ebda prova sodafacenti biex jissostanzja u jikkorobora dak minnu allegat dwar il-mod kif suppost isir it-test ghall-emissjonijiet u l-mod, skontu zbaljat, kif invece gie esegwit tali test mill-Awtorità intimata. Apparte minn hekk Lino Abela, in rapprezentanza ta' l-Awtorità intimata, esebixxa estratt tal-VRT manual in bazi ghal liema ghandhom isiru l-VRT tests, inkluz ghalhekk it-test ghall-emissjonijiet, minn fejn jirrizulta l-metodu kif ghandu jigi esegwit tali test[16], li huwa l-istess metodu wtilizzat fil-post VRT inspection mill-

[14] Vide xhieda moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2016 a fol. 54 sa' 57 tal-process.
[15] Dok. "A" a fol. 51 tal-process kif ukoll Dok. "B" u Dok. "C" a fol. 52 u 53 tal-process.
[16] Dok. "A" a fol. 18 tal-process.

ufficjali ta' l-Awtorità intimata kif jirrizulta mir-rizultat ta' l-istess esebit bhala Dok. "H" a fol. 26 tal-process.

Fid-dawl ta' dan appena osservat ghalhekk jirrizulta li d-decizjoni appellata in kwantu rigwarda excessive *exhaust emissions* irravisti fil-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni LCN-851 waqt il-post VRT inspection hija gusta u tisthoqq li tigi kkonfermata.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-appell tar-Rikorrent pro et noe mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata komunikata lilu b'ittra datata 3 ta' Jannar 2011, huwa in parte gustifikat u ghaldaqstant filwaqt li ghandu jigi michud in kwantu rigwarda dik il-parti tad-decizjoni appellata li tittratta dwar *excessive exhaust emissions* b'dana li tali parti tad-decizjoni ghandha tigi kkonfermata, ghandu invece jigi milqugh in kwantu rigwarda dik il-parti tad-decizjoni appellata li tittratta dwar *two fins blades like, fitted on each side of the front bumper projecting outward that are potential danger to pedestrians,* b'dana li tali parti tad-decizjoni ghandha tigi mhassra.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' jiddeciedi billi jilqa' in parte l-appell tar-Rikorrent pro et noe mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata komunikata lilu b'ittra datata 3 ta' Jannar 2011 u ghaldaqstant filwaqt li jichad l-aggravju tar-Rikorrent pro et noe li l-Awtorità intimata ma tatux smigh xieraq u li d-decizjoni appellata hija intempestiva u filwaqt ukoll li jichad l-appell in kwantu rigwarda dik il-parti tad-decizjoni appellata li tittratta dwar *excessive exhaust emissions* b'dana li tali parti tad-decizjoni qed tigi kkonfermata, jilqa' l-istess appell in kwantu rigwarda dik il-parti tad-decizjoni appellata li tittratta dwar *two fins blades like, fitted on each side of the front bumper projecting outward that are potential danger to pedestrians,* u konsegwentement ihassar u jirrevoka tali parti tad-decizjoni appellata.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez tal-proceduri ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

**MGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**